# IL-QANPIENA

Mejju 2010 | Parroċċa Sant'Elena - Birkirkara | Ħarġa Numru: 347

## INSELLMILKOM



Il-Prepostu - Dun Anton Cassar

### Marija "Omm l-Isbaħ Imħabba" - Mudell għall-Familja

"Omm l-isbaħ Imħabba" hu titlu li l-Papa Ġwanni Pawlu II irriservah għall-Madonna u dan kien qalu fl-*Ittra lill-familji.* Marija hija Omm li tħobb u tipparteċipa konkretament fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Ma hemmx familja nisranija li ma tirriservax xi post partikulari għax-xbieha tagħha. Ix-xahar ta' Mejju proprju jfakkarna f'dan.

Aħna f'Birkirkara għandna s-Santwarju Marjan "Tal-Madonna Tal-Ħerba". Jingħad li ġenerazzjoni ilu l-ġenituri kienu jieħdu 'l uliedhom nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt f'dan is-Santwarju.. Il-Madonna tistieden għat-talb, għall-interċessjoni f'mumenti diffiċli u biex tirringrazzja 'l Alla tal-grazzi li rċevejt. Dan l-aħħar f'Tal-Ħerba stampajna kartolina fejn dak li jkun jibgħatha u juri lil individwu li talab għalih/a. Din il-kartolina żgħira tiġi nterpretata bħala fiduċja prattika, dik personali u familjari ndirizzata lil Madonna Omm u Għalliema tal-Ħajja Ewkaristika.

Il-Papa meta tkellem dwar "l-isbaħ Imħabba "kien qed jitkellem dwar l-istorja tas-salvazzjoni tal-bniedem." Għalhekk il-ġrajja ta' "l-isbaħ Imhabba" bdiet mit-tħabbira tal-Mulej u b'hekk Marija issir Omm l-isbaħ Imħabba – Ġesu' sar bniedem għalina l-bnedmin.

Il-Knisja tpoġġilna lil Marija bħala eżempju ta' din l-imħabba, għax temmen li l-ġejjieni ta' kull familja jiddependi minn din "l-isbaħ Imħabba, l-imħabba tal-miżżewġin għal xulxin, tal-ġenituri għall-uliedhom, l-imħabba tal-ġenerazzjonijiet kollha. **L-Imħabba hi l-għajn vera tal-għaqda u tal-qawwa tal-familja.** Ejjew nersqu lejn din l-Omm ta' l-isbaħ Imħabba.

Tislijiet u Talb.

***Dun Anton***

**UFFIĊĊJU PARROKKJALI**

4 Triq is-Santwarju
Birkirkara BKR 2304

Tel. 21444725
Fax. 21445540
sthelenparish@gmail.com
www.bazilkasantelena.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa

Fil-għodu 10.00 - 11.45
Fil-għaxija 5.00 - 7.00

**Prepostu Arċipriet:**
Dun Anton Cassar

**Viċijiet:**
Kan Dun Michael Borg
Kan Dun Charles Gauci

**Fil-Bażilka**
**Qrar:**
**Is-Sibt:** mill-3.45pm 'l quddiem
**Il-Ħadd:** Fil-għodu u fil-għaxija, bejn kull Quddiesa. (Sagristija).


*CASA ANTONIA*

Residential and Nursing Home
Pope Alexander VII Junction
Balzan BZN 02

**Informazzjoni:**
Tel: 21470677/8
Fax: 21496278
Website:
www.casa-antonia.com.mt
email:
info@casa-antonia.com.mt

John Tonna
Tel: 21440146


## Kalendarju Liturġiku MEJJU

**Is-Sibt 01** **Festa ta' San Gużepp Ħaddiem**
**4.30pm** **Santwarju**: Ċelebrazzjoni Marjana u wara quddiesa b'suffraġju ta' dawk li mietu f'April

**Il-Ħadd 02** **9.30am Ċentru: Sala t'isfel:** Seminar għarajjes li ser jiżżewwgu sa Novembru 2010.
**10.00am Pjazza S. Elena**: Tberik tal-Annimali fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santu Kruċ.
**5.00pm Bażilika**: Transulazzjoni u Għasar tal-Festa ta' Santu Kruċ.

**It-Tnejn 03** **Festa ta' Santu Kruċ**
**6.30pm Bażilika**: Quddiesa Prepositali u wara Purċissjoni bil-Veru Lignum u l-Istatwa ta' S. Elena.

**L-Erbgħa 05** **Ikompli l-Kors ta' Kana fis-sala t'isfel.**
**9.00am**:Ħarġa għan-Nisa: Ikla ta' Jum l-Omm. Biljetti - Jane Aquilina 21488845
Jibdew il-Quddies ta' nhar ta' Erbgħa fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba mir-Retturi tas-Santwarji Marjani. Ara paġni 5 u 6.

**Il-Ħamis 06** **7.00pm; Bażilika**: Adorazzjoni mill-Kor Sidtna Marija Sultana tal-Paċi.
**7.00pm**:Laqgħa tas-support group Nisa Separati.
**Knisja S.Rokku** :L-14 il Ħamis ta' S.Rita
Sala ta' fuq taċ-Ċentru: Jibda is-Sale tal-pjanti li jibqa' sejjer sal-Ħadd.

**Is-Sibt 08** **Festa tal-Madonna ta' Pompei**
**11.15am**: Bażilika: Rużarju, Quddiesa u Supplika.
**3.30pm** Ċentru; Sala t'isfel:Seminar għall-Katekisti kollha dwar it-Talb.

**Il-Ħadd 09** **Jum l-Omm u l-Festa ta' San Ġorġ Preca.**

**It-Tnejn 10** **7.15pm Kripta**: Quddiesa b'suffraġju tal-ommijiet mejtin.

**L-Erbgħa 12** **10.00 - 11.00am Santwarju** Adorazzjoni bħala parti mill-Festi Ċentinarji tal-Inkurunazzjoni.

**Il-Ħamis 13** **L-ewwel dehra tal-Madonna ġo Fatima**.
**9.30am Santwarju**: Rużarju u Quddiesa għall-Grupp tal-Anzjani "Santa Jeanne Jugan"

***ikompli f'paġna 3...***

***...ikompli minn paġna 2***

| | |
|---|---|
| **Is-Sibt 15** | **JUM il-FAMILJA**. |
| | **6.30pm Bażilika**: Mons Anton Gouder iqaddes f'għeluq it-3 snin minn meta nfetħet Dar Pirotta. |
| **Il-Ħadd 16** | **9.30am: L-Ewwel Tqarbina fil-Parroċċa ara programm f'paġna 3.** |
| **It-Tlieta 18** | **9.30am**: Tluq bil-mini bus għal żjara lil Anzjani Karkariżi li jinsabu f'S.Vincenz de Paule. |
| **Il-Ħamis 20** | **7.30pm**: Pellegrinaġġ għall-Bażilika mill-Knisja ta' S.Rokku bħala parti mill-Festa ta' S.Rita. ara programm paġna 4 |
| **Il-Ġimgħa 21** | **7.00pm: Fuq iz-Zuntier tal-Bazilika** - Marianfest Mixja tal-Paċi. Ara paġna 5. |
| **Is-Sibt 22** | **Festa ta' Santa Rita** |
| **11.30am**: | Bażilika: Quddiesa u supplika u wara purċissjoni mill-Bażilika. Ara programm f'paġna 4. |
| | **8.00pm** Vġili ta' Pentecoste. |
| **Il-Ħadd 23** | **Għid il-Ħamsin - Pentecoste**. |
| | **10.30am Bażilika**: Quddiesa li fiha ser jiġu ppreżentati t-tfal li ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof u l-ġenituri tagħhom jagħmlu t-talba biex uliedhom jirċievu dan is-Sagrament. |

**Mit-23 sa t-30 Mejju: Festa ta' S.Antnin ara programm f'paġni 6 u 7.**

| | |
|---|---|
| **It-Tlieta 25** | **9.30am**: Ċentru: Sala ta' fuq: Coffee Morning b'riżq il-Ħidma Pastorali tal-Parroċċa. |
| **Il-Ħamis 27** | **7.00pm**: Laqgħa tas-Support Group tan-Nisa Separati. |
| **Il-Ħadd 30** | Knisja ta' S.Franġisk: Festa ta' Sant'Antnin. |
| **It-Tnejn 31** | **Festa taż-Żjara ta' Sidtna Marija lil Eliżabetta**. |
| | **Santwarju**: Tifkira tal-għeluq tax-xahar ta' Mejju. |

---

## PROGRAMM TA' L-EWWEL TQARBINA - 16 TA' MEJJU

**IT-TNEJN 10 TA' MEJJU**

*7.15pm* fil-Bażilika: Laqgħa għall-ommijiet u missirijiet tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.

**IT-TLIETA 11 TA' MEJJU**

*Fl-4.30pm* Fil-Bażilika: Adorazzjoni għat-tfal subien u bniet li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u Rehearsal tal-Kant.

**L-ERBGĦA 12 TA' MEJJU**

*Fl-4.30pm* fil-Bażilika: Prova ġenerali għat-tfal subien u bniet li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.

**IS-SIBT 15 TA' MEJJU**

*Mit-8.00am sal-10.00am u mill-4.30pm sas-7.30pm* fil-Bażilika: Qrar għall-ġenituri u tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

**IL- ĦADD 16 TA' MEJJU**

*Fit-8.15am sad-9.00am:* It-tfal subien u bniet jiltaqgħu fiċ-Ċirkolu San Ġwakkin fi Triq il-Kbira.

*Fid-9.00am* nimxu miċ-Ċirkolu għall-Bażilika.

*Fid-9.30am* tibda 'l- Quddiesa.

**IL-ĠIMGĦA 21 TA' MEJJU – FESTA TAL-MADONNA TAD-DUTTRINA.**

It-tfal tad-Duttrina jikkumpanjaw il-Purċissjoni li toħroġ mill-Bażilika *fis-6.30pm* u *fis-7.00pm* issir Quddiesa fuq iz-Zuntier tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba.

# Tal-Festa ta' Santa Rita



**Is-Sibt 15 ta' Mejju:**

**7.15pm**: Party / Tombla fis-Sala Parrokkjali.
Biljetti jinkisbu mill-knisja ta' Santu Rokku.

## *KNISJA TA' SANTU ROKKU*

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju - *Il-Ħmistax – il-Ħamis ta'Santa Rita.***

**10.00am:** Quddiesa mir-Rev. Daniel Bonello O.P. B.A. (Hons)
Wara Priedka minn Ms.Phyllis Falzon, superjura tal-M.U.S.E.U.M.

**4.45pm:** Quddiesa minn Fr. Jesmond Grech.

**6.00pm:** Quddiesa mill-Eċċ.Tiegħu Mons Adeodato Micallef, Isqof Emeritus tal-Kuwait.

**7.00pm:** Quddiesa minn Mons.Anton Vella Arċipriet tal-Katidral u Ex-Prepostu tal Bażilika Sant'Elena B'Kara.

**7.30pm:** Purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Rita u transulazzjoni tal-Relikwa minn Mons.Anton Vella għall-Ba¿ilika ta' S.Elena.

Il-Purċissjoni tgħaddi mit-toroq : Tal-Ħerba, Kostantino, Is-Salib Imqaddes, Bwieraq, John Borg, Il-Kbira u tispiċċa fil-Bażilika ta' Sant' Elena. Jieħdu sehem it-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Fratellanza ta' S. Rokku taż-Żurrieq.

## *BAŻILIKA SANT ELENA*

**8.15pm:** Te Deum - Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Tberik tat-tfal mir-Rev.Prepostu Anton Cassar, Arċipriet tal-Bażilika.

**Il-Ġimgħa 21 ta' Mejju**

**10.30am:** Quddiesa

**Is-Sibt 22 ta' Mejju - *Jum Liturġiku tal-Festa ta' Santa Rita***

Quddies: **6.00 - 7.00 - 7.45 - 9.00am**

**10.30am**: Quddiesa Pontifikali mill-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof Emeritus ta' Għawdex. Wara pellegrinaġġ dritt għal quddiem il-Knisja ta' Santu Rokku bl-istatwa ta' Santa Rita u repożizzjoni tar- Relikwa mill-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Cauchi.
Tberik tal-fjuri. Supplika lil Santa Rita u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.



# Programm ta' attivitajiet Konnessi maċ-Ċentinarju tal-Inkurunazzjoni tax-Xbieha tal-Madonna tal-Ħerba.

**L-Erbgha 5 ta' Mejju 2010 fis-7.00pm Fis-Santwarju tal-Ħerba:** ***Marija Xbieha u Omm il-Knisja***
Quddiesa mir-Retturi tas-Santwarji Marjani fil-Belt Valletta: Madonna ta' Ċarafa tal-Konkatidral ta' San Ġwann u l-Madonna tal-Karmnu.
**Is-Sibt 8 ta' Mejju 2010 fl-4.30pm**
Ċelebrazzjoni Marjana ta' l-Ewwel Sibt tax-xahar u Quddiesa fis-Santwarju.
**L-Erbgha 12 ta' Mejju 2010 mill-10.00 sal-11.00am: Adorazzjoni u Talb fis-Santwarju**
**7.00pm Santwarju:** ***Marija marbuta ma' Alla.***
Quddiesa mill-Arċipriet Kanoniku tal-Parroċċa ta' Maria Bambina ta' L-Isla.
**Is-Sibt 15 ta' Mejju 2010 mid-9.30am - 11.00am fis-Santwarju**
Adorazzjoni mill-Abbatini kbar ta' Malta bit-tema: ***Jaqdu 'l Mulej***
**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010 fis-7.00pm:** ***Marija Sultana u Omm il-Ħniena***
Quddiesa mir-Retturi tas-Santwarji Marjani.Quddiesa mir-Rev. Arċipriet Kanoniku tal-Parroċċa tal-Immakulta Kunċizzjoni ta' Bormla.
**Il-Ġimgħa 21 ta' Mejju fis-7.00pm: Marianfest mill-Parroċċi ta' l-Unita' 3**
Parroċċa S. Elena; Parroċċa S. Marija; Parroċċa San Ġużepp Ħaddiem; Parroċċa Fleur de Lys; Parroċċa Swatar dak inhar infakkru l-Festa tal-Madonna tad-Duttrina. Peress li fis-Santwarju tal-Ħerba kien isir it-Tagħlim Nisrani (duttrina – tħejjija ta' tfal għall-Ewwel Tqarbina u l-Griżma). Infakkru dan l-avveniment b'din il-**Marianfest u Mixja għall-Paċi.**
**7.00pm** Niltaqgħu fit-tarf t'isfel ta' Triq il-Kbira (wara l-Mac Donalds)
**7.30pm** Manifestazzjoni ferriħija: **mixja għall- Paċi ma' Marija** sal-Pjazza S. Elena bir-replika tal-Kwadru tal-Madonna tal-Ħerba.
**8.00pm** Fuq iz-Zuntier tal-Bażilika: Ċelebrazzjoni. Ser jkun hemm is-siġġijiet ukoll.
Familja Żgħażugħa titkellem dwar it-***Talb u l-Familja.***
Jingħad ir-Rużarju: il-Misteri tad-Dawl; L-aħbar it-tajba li l-Mulej Ġesu' ġie jwettaq hawn fostna biex ikollna l-Paċi u l-Ferħ.
Fir-Rużarju nfakkru l-kontinenti tad-dinja permezz ta' ħsieb u jingħad minn familji. Nispiċċaw b'għanja ferrieħa lill-Madonna.
**L-Erbgħa 26 ta' Mejju 2010 fis-7.00pm fis-Santwarju:** ***Omm u Medjatriċi tal-Grazzji:*** Quddiesa mir-Retturi tas-Santwarji Marjani: mill-Kappillan tal-Parroċċa Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar.
**It-Tnejn 31 ta' Mejju:** ***Festa taż-Żjara ta' Sidtna Marija lil Elizabetta:***
Tingħad it-Talba ta'-Ċentinarju.

***ikompli f'paġna 6...***

*...ikompli minn paġna 5*

*Bħala tifkira u biex nitħeġġu aktar qed jitqassam ktieb b'tagħlim fuq il-Madonna. Dan il-ktieb "Niltaqgħu ma Marija", inkiteb minn Mons Isqof George Frendo li hu Isqof fl-Albanija. Ktieb ieħor li se jitqassam huwa "Via Matris" miktub minn Mons. Carmelo Cassar. Dan it-tagħrif ikompli jgħinna nikbru flimkien mal-Kors Bibbliku dwar il-Madonna li sar f'Ottubru 2009. Dawn il-kotba qed jingħataw lill kull familja Karkariża fiċ-Ċentinarju tal-inkurunazzjoni.*

---

## PROGRAMM FESTA SANT'ANTNIN TA' PADOVA
## 24-30 ta'Mejju 2010
## FESTI TA' ĠEWWA

***IT-Tnejn 24 ta' Mejju : Ftuħ tal-Festa***

6.00 p.m. Rużarju u Kurunella ta' Sant'Antnin .
6.30 p.m. Quddiesa mmexxija minn P.Tonio MIfsud OFM Conv, id-Direttur Spiritwali tal banda Sant' Antnin
Il-Kant ser ikun mill-Kor tal-Knisja b'sehem tal-Banda ta' Sant' Antnin.
7.30 p.m. Ħruġ ta' l-Istatwa ta' Sant'Antnin

***It-Tlieta 25 ta' Mejju:*** **Sant'Antnin : Ħabib tat-Tfal**

6.00 p.m. Purcissjoni ferriħjia bl-istatwa ż-żgħira ta' Sant' Antnin mill-MUSEUM ta' Swatar..
6.30 p.m. Quddiesa ghat-tfal mmexxija minn W.R.P..Donald Bellizzi OFM Conv Kappillan ta' Burnarrad
Fiha it-tfal joffru l-fjuri lil Sant'Antnin u jitbierek il-ħobż. Imexxi l-kant il grupp tal-kitarri

***L-Erbgha , 26 ta' Mejju: Sant'Antnin JUM il-Familja – Jiem tat-TRIDU***

6.00 p.m. Ruzarju u Kurunella
6.30 p.m. Quddiesa minn W.R.P. Marius Galea OFM Conv

***Il-Hamis 27 ta' Mejju: Jum il-Morda***

6.00 p.m. Adorazzjoni mill-istudenti Franġiskani Konventwali.
6.30 p.m Quddiesa mmexxija minn W.R.P. Marius Galea OFM Conv Il-Kant ikun imexxi mill-grupp Nisa ta' Santa Klara
N.B. Fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda u nħeġġu lill-Morda u lill-anzjani sabiex jattendu.

***ikompli f'paġna 7...***

*...ikompli minn paġna 6*

***IL-ĠIMGĦA 28 ta' Mejju*** **Sant'Antnin: Ħabib ta' Kulħadd**

6.00 p.m. Rużarju
6.30 p.m. Quddiesa għall-għaqdiet fi ħdan komunita' tagħna mexxija minn W.R.P. Marius Galea OFM Conv. Imexxi l-kant il-grupp tal-Katarri .

***IS-SIBT 29 ta' Mejju Lejlet il-Festa :*** **Sant'Antnin : Qaddis tal-Mirkali**

6.15 p.m. Transulazzjoni Solenni bir-relikwa tal-Qaddis.
6.30 p.m. Quddiesa bl-omelija mill-W.R..P.Charles Baldacchino OFM Conv.

***IL-ĦADD 30 ta' Mejju: Jum il-Festa***

6.30 a.m. Quddiesa mmexxija minn Fr.Joe Borg
8.00 a.m Quddiesa mmexxija minn Prepostu tal-Bażilka ta' Sant' Elena W.R.Dun Anton Cassar
9.30 a.m. Quddiesa mmexxija minn W.R.Kapp ta'San Ġużepp Ħaddiem Fr.Michael Bugeja.
11.00 a.m. Quddiesa mmexxija minn W.R.Fr.Stephen Mifsud MSSP
6.00 p.m. Quddiesa solenni mmexxija W.R.P.Anton Farrugia OFM i.l- fejn jaghmel il-Ħsieb fuq il-Qaddis
7.30 p.m. Purċissjoni bl-Istatwa ta' Sant' Antnin mmexxija W.R.P.Anton Farrugia OFM..
10.00 p.m Mad-Dħul tal-istatwa. Titkanta l-antifona u niġu fit-tmiem dawn iċ-ċelebrazzjonijiet bil-Barka Sagramentali.

F'isem il-Komunita' Franġiskana u l-kumitat tal-Festa ta' Sant'Antnin nixtiequ minn qalbna l-Festa tajba lil kulħadd.



4a, Valley Road, B'Kara
Tel: 21444113

Savoy Shopping Arcade
Level 2, Valletta
Tel: 21234253

No connections with other shops

**BEJGĦ TA' PJANTI**

**Fiċ-Ċentru S. Elena**
**Mill-Ħamis 6 sal-Ħadd 9 ta' Mejju**
**Mill-4.30pm sas-7.30pm**
**Is-Sibt u l-Ħadd**
**mid-9am sa 12pm**

# *Mill-ħajja tal-Parroċċa*

## Marzu

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**
Partick Spiteri – Daniela Marie Farrugia

**Issieħbu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija:**
Joseph Pace; Shania Vella Aloisio; Jake Abdilla; Ylenia Micallef; Sefora Blondini.

**Ingħaqdu mal-Mulej fil-Mistrieħ ta' Dejjem:**
Salvina Stivala; Constantino Cachia; Bianca Bonello; Victor Sciberras; Michael Aquilina; Lawrence Tabone; George Muscat.

## Suffraġji

+ **Il-familji Mamo, Borg u Debono** joffru €5.00 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom **Sir Anthony Mamo** li jagħlaq sentejn mejjet fl-1 ta' Mejju.
+ **Maria Parnis u wliedha** joffru €12.00 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom Carmelo Parnis li jagħlaq 20 sena mejjet fl-4 ta' Mejju.
+ **Ġuża Muscat u wliedha** joffru €5.00 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom **Emmanuel Muscat** li jagħlaq 18 il-sena mejjet fil-5 ta' Mejju.
+ **Il-familji Mamo, Borg u Debono** joffru €5.00 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom **George Mamo** li jagħlaq 18 il-sena mejjet fis-27 ta' Mejju.
+ **L-aħwa Debono** joffru €5.00 b'suffraġju tal-għażiża ommhom **Victoria Debono** fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm.
+ **Maria Mifsud** toffri €5.00 b'suffraġju tal-għeżież tagħha **Anġela Pisani** li tagħlaq 18 il-sena mejta u **Marianna Pisani, Josephine Mifsud, Rożina Sammut u n-nanniet.**
+ **N.N.** toffri €20 b'suffraġju għall-egħeżież membri mejtin tal-**Familja Gauci**.

## Ħbieb

Fortunata Vella; N.S.Sammut;
Il-familja Jones; €2.00 minn Dun Perin Lane permezz ta' Ginnie Grech.

---

# Wirja għall-Festa tas-Salib Mqaddes

**Mtella mill-Grupp Armar**
**Fis-Sala taċ-Ċentru S.Elena**
**Mit-Tnejn 26 t'April sat-Tnejn 3 ta' Mejju**


LAURENS WATCHES

**G.B. JEWELLERY**
GEORGE BUSUTTIL
451, Fleur-de-lys Road, B'Kara - Tel: 21 499 679

LORENZ WATCHES